CORRIGENDUM

Rettifika għad-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/53/KE tad-29 ta' Awwissu 2007 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE, li tikkonċerna l-prodotti kożmetiċi, għall-għanijiet li tadatta l-Anness tiegħu għall-progress tekniku

(Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, L 226 tat-30 ta' Awwissu 2007)

F'paġna 19, it-test ta' l-Artikolu 2(1) jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mid-19 ta' Ġunju 2008, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. B'hekk huma għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet flimkien ma' tabella ta' korrelazzjoni ta' dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mid-19 ta' Marzu 2009.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif trid issir din ir-referenza."

Rettifika għad-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/4/KE tad-9 ta' Jannar 2008 li temenda d-Direttiva 94/39/KE rigward oġġetti ta' l-ikel għat-tnaqqis tar-riskju tad-deni mill-ħalib (Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, L 6 ta' l-10 ta' Jannar 2008)

F'paġna 4, Artikolu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa mhux iktar tard mit-30 ta' Lulju 2008.

Huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir referenza ta' din ix-xorta."